

FESTI SOLENNI LI JSIRU
FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA
F'ĠIEH

# SANTA MARIJA

PATRUNA TAR-RAHAL
30 ta' LULJU sat-22 ta' AWISSU, 1971

## PROGRAMM

# FESTI TA' ĠEWWA L-KNISJA

## 30 TA' LULJU — FTUH TAL-KWINDIĊINA

Fis-6.15 p.m. Għasar Solenni, Ċelebrazjoni Biblika fuq Santa Marija, Antifona u Ċelebrazjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

## 8 TA' AWISSU — HRUĠ TA' L-ISTATWA.

Fil-5.15 p.m. Għasar Solenni, Prietka, Ċelebrazjoni Biblika fuq Santa Marija, Antifona u Ċelebrazjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali. Wara jsir il-**Hruġ ta' l-Istatwa ta' Sa[nta] Marija** min-niċċa tagħha. Kant ta' l-Ave Maris Stella u A[n]tifon[a].

## 11 TA' AWISSU — L-EWWEL JUM TAT-TRIDWU.

Fis-6.30 p.m. Quddiesa Kantata bil-Prietka mill-**W.R. Kan. Penit. Dun Ġużepp Bonnici Lic.D.** Ċelebrazjoni Biblika fuq Santa Marija, Innu, Antifona u Ċelebrazjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

## 12 TA' AWISSU — IT-TIENI JUM TAT-TRIDWU.

Fis-7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni. Fis-6.30 p.m. Tibda l-funzjoni ta' filgħaxija. Kollox bħal ma hemm fil-Jum ta' qabel.

## 13 TA' AWISSU — IT-TIELET JUM TAT-TRIDWU.

Funzjonijiet u ħinijiet bħal ma hemm fil-Jum ta' qabel.

## 14 TA' AWISSU — LEJLET IL-FESTA.

Fit-7.45 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan [ta'] Parroċċa il-**W.R. Dun Karm Blanco S.Th.D., Ph.L., Dip.Lat. (Greg).** Kant ta' TE DEUM b'ringrazzjament u għeluq tat-Tridwu, Innu u Antifona.

Fis-6.00 p.m. Quddiesa letta li tgħodd għal għada. 6.30 p.m. Traslazzjoni Solenni tar-Relikwija u Primi Vespri Pontifikali bil-mużika immexxija mill-**Ill.mu u Rev.mu Mons. Dun Karm Xuereb.** Kompieta u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

## 15 TA' AWISSU — JUM IL-FESTA.

Fil-5.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali mill-Kappillan.

Fis-6.00 a.m. Quddiesa letta bi Tqarbina Ġenerali għall-Kbar.

Fis-7.00 a.m. Quddiesa letta bi Tqarbina Ġenerali għat-Tfal.

Fit-8.00 a.m. Kant ta' Lawdi.

Fid-8.45 a.m. Kant ta' Terza.

Fid-9.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni u Pontifikali mill-**Eċċ. T. Rev.ma. Mons. Em. Gerada B.A., Lic.D., J.C.D. (Greg) Isqof Koadjutur,** li waqt il-Quddiesa stess jinseġ paneġirku ta' tifħir lil S. Marija Assunta.

Fl-10.30 a.m. Quddiesa letta.

Fil-11.30 a.m. toħroġ l-aħħar quddiesa.

Fil-5.00 p.m. Sekondi Vespri Pontifikali bil-mużika immexxija mill-**Ill.mu. u Rev.mu Mons. Dun Karm Xuereb.** Kompieta, Proċessjoni bl-Istatwa artistika ta' Santa Marija immexxija mill-istess Monsinjur.

Malli tidħol il-proċessjoni fil-Knisja jkun hemm Ċelebrazjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali. Wara jkun hemm il-bews tar-Relikwija.

Lejlet il-Festa jkun hemm il-Konfessuri barranin għall-Qrar. Il-mużika tat-Tridwu, lejlet u nhar il-Festa tkun taħt id-Direzzjoni tas-Surmast il-W.R. Patri Gatt O.P. Mus.S.Lic.(Vat).

**22 TA' AWISSU — OTTAVA TAL-FESTA.**

Fis-6.00 p.m. Għasar Solenni, Reposizzjoni tarRelikwija, TE DEUM u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

## *TALBA QAWWIJA*

## *LIL*

# MARIJA

**miktuba minn San Bernard**

Ftakar, o Verġni Marija kollok ħniena, illi kemm ilha wieqfa d-dinja qatt ma nstema' li baqa' mnikket kull min fittex il-għajnuna tiegħek kull min talbek b'fiduċja fil-hemm u s-slaleb tiegħu. Hawn jien, mela, mimli b'tama kbira fil-ħniena tiegħek, o Omm u Verġni tal-Verġni quddiemek ninxteħet, Lilek ingħajjat u, bħala msejken midneb, nitlob il-għajnuna tiegħek. La tistmerrx talbi, ja Omm il-Verb Inkarnat, iżda ismagħni kollok tieba ħennini.

# *FESTI TA' BARRA*

**30 ta' Luiju** — Wara l-Funzjoni tal-Knisja, issir il-mixgħela tal-Faċċata tal-Knisja u tal-**King George V** Band Club.

**8 ta' Awissu** — Fis-6.00 p.m. Il-Wisq Rev. Dun Karm Bianco S.Th.D., Ph.L., Dip.Lat.(Greg.) ibierek standard tal-banda bil-kuluri awstraljani mogħti lis-Soċjetà S. Marija mis Sur John Camilleri. Wara ħruġ ta' l-Istatwa ta' S. Marija fil-Knisja, il-Banda King George V tagħmel marċijiet mat-toroq prinċipali ta'-Imqabba u wara tesegwixxi programm fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-Surmast George Martin A. Mus. L.C.M.

Mixgħela tal-Knisja, Pjazza u tal-Każin King George V.

**13 ta' Awissu** — Wara l-Funzjoni tal-Knisja, l-Banda **King George V** tagħmel marċijiet u ddoqq programm fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela Ġenerali.

**14 ta' Awissu — LEJLIET IL-FESTA**

Fit-8.00 p.m. Mixgħela Ġenerali tar-Raħal. Il-Baned "Queen Victoria" taż-Żurrieq u "San Nikola" tas-Siġġiewi, wara li jferrħu t-toroq tal-Imqabba bil-marċijiet jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Fl-10.00 p.m. Hruq tal-Murtali, Beraq Pront u tal-Kulur.

Fil-11.00 p.m. Hruq ta' logħob tan-nar artistiku.

**15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

Fl-4.00 a.m. Mixgħela Ġenerali.

Fil-5.30 p.m. Il-Baned "Queen Victoria" taż-Żurrieq u "San Nikola" tas-Siġġiewi jagħmlu marċijiet u jdoqqu Programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Fis-6.30 p.m. waqt il-Hruġ tal-Proċessjoni jindaqq **INNU LIL S. MARIJA ASSUNTA** bil-kant tax-Xebbiet mir-Raħal. Meta l-proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V, il-Banda "Queen Victoria" iddoqq Innu lil S. Marija Assunta, miktub mir-R. Patri G.M. Ghigo S.J., mużikat mis-surmast G. Martin A.Mus. L.C.M. Ikantaw fih it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Joe Fenech flimkien mal-kor tax-xebbiet mir-Raħal. Waqt il-Proċessjoni isir sparar ta' musketterija, ħruq ta' Kaxxi Nfernali, Murtaletti, Murtali tal-Kulur u Beraq Pront.

Il-logħob tan-Nar, il-Kaxxi Nfernali, il-Murtali tal-Kulur u l-Beraq Pront huma kollha xogħol tad-dilettanti tas-Soċjeta S. Marija.

**SANTA MARIJA — ITLOB GHALINA**

NATIONAL PRESS — Pietà